32005R0883

11.6.2005 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* L 148/5

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 883/2005

tal-10 ta' Ġunju 2005

li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2454/93 li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 247 tiegħu,

Billi:

(1) Il-Konvenzjoni Doganali dwar il-ġarr internazzjonali ta' oġġetti koperti b'carnets (biljetti) tat-TIR (Konvenzjoni tat-TIR) tal-14 ta' Novembru 1975 ġiet approvata f'isem il-Komunità bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2112/78[2] u daħlet fis-seħħ fil-Komunità fl-20 ta' Ġunju 1983[3]. Minħabba l-importanza tal-kummerċ internazzjonali għall-Komunità, jeħtieġ li jiġu mmodernizzati l-formalitajiet doganali dwar il-proċedura tat-TIR. L-Artikolu 49 tal-Konvenzjoni tat-TIR jistipula l-applikazzjoni ta' faċilitajiet akbar għall-benefiċċju ta' operaturi ekonomiċi diment li faċilitajiet bħal dawn ma jimpedixxux l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni. Fil-preżent, ir-regoli tal-Komunità dwar il-proċedura tat-TIR ma jipprovdux għall-istejtus tad-destinatarju awtorizzat. Sabiex jissodisfa l-ħtiġijiet tal-operaturi ekonomiċi u sabiex ikun iffaċilitat il-kummerċ internazzjonali, huwa mixtieq li jiġu żviluppati dispożizzjonijiet, ibbażati fuq ir-regoli eżistenti tal-Komunità/transitu komuni, li jippermettu li l-istejtus ta' destinatarju awtorizzat jintuża flimkien mal-proċedura tat-TIR.

(2) Il-Konvenzjoni dwar l-Ammissjoni Temporanja tas-26 ta' Ġunju 1990 (il-Konvenzjoni ta' Istanbul) u l-Annessi għaliha ġew approvati mill-Komunità Ewropea permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/329/KEE[4]. L-Anness A għall-Konvenzjoni ta'

---

1 ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bl-Att ta' Adeżjoni tal-2003.
2 ĠU L 252, 14.9.1978, p. 1.
3 ĠU L 31, 2.2.1983, p. 13.
4 ĠU L 130, 27.5.1993, p. 1.

Istanbul jissostitwixxi l-Konvenzjoni Doganali dwar il-carnet tal-ATA għall-ammissjoni temporanja ta' oġġetti tas-6 ta' Diċembru 1961 (il-Konvenzjoni tal-ATA) fir-rigward tar-relazzjonijiet bejn il-pajjiżi li aċċettaw il-Konvenzjoni ta' Istanbul u l-Anness A tagħha. Għalhekk jeħtieġ li jsiru emendi għad-dispożizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-proċedura tal-ATA sabiex jinkludu referenzi għall-Konvenzjoni ta' Istanbul. Madankollu, sabiex ikun iffaċilitat il-kummerċ internazzjonali bejn il-Komunità u dawk il-pajjiżi li ma aċċettawx l-Anness A għall-Konvenzjoni ta' Istanbul, huwa xieraq li jinżammu r-referenzi għall-Konvenzjoni tal-ATA.

(3) Fil-qafas tal-proċedura ta' pproċessar 'il barra, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93[5], sa mill-2001, ippermetta rilaxx parzjali mid-dazju fuq l-importazzjoni wara pproċessar 'il barra li għandu jiġi kkalkolat fuq il-bażi tal-ispejjeż tal-operazzjoni tal-ipproċessar, skont il-'metodu ta' valur miżjud'. Madankollu, dan il-metodu mhuwiex permess jekk l-oġġetti ta' esportazzjoni temporanja li mhumiex ta' oriġini mill-Komunità ġew rilaxxati għal ċirkolazzjoni libera b'rata ta' mingħajr dazju. Dawk il-kundizzjonijiet restrittivi għal oġġetti li mhumiex ta' oriġini mill-Komunità għandhom jiġi emendati sabiex ikun promoss l-użu tal-metodu ta' valur miżjud.

(4) Madankollu, sabiex ikun evitat abbuż tas-sistema, huwa mixtieq li jkun provdut li dan il-metodu ta' rilaxx mid-dazju jista' jiġi rifjutat jekk jiġi stabbilit li l-uniku objettiv tar-rilaxx għal ċirkolazzjoni libera tal-oġġetti ta' esportazzjoni temporanja kien il-benefiċċju minn dan ir-rilaxx.

(5) L-identità u n-nazzjonalità ta' mezzi ta' trasport mat-tluq hija meqjusa bħala tagħrif obbligatorju li jrid jiddaħħal f'kaxxa 18 ta' dikjarazzjoni ta' transitu. Fit-terminals ta' kontejner li għandhom livelli għoljin ta' traffiku jista' jiġri li d-dettalji tal-mezz tat-trasport tat-triq li jkun ser jintuża ma jkunux magħrufa fil-ħin meta jkunu qed isiru il-formalitajiet ta' transitu. Madankollu, l-identifikazzjoni tal-kontejner li fih ikunu se jingarru l-oġġetti soġġetti għal dikjarazzjoni ta' transitu hija disponibbli u hija diġà indikata f'kaxxa 31 tad-dikjarazzjoni ta' transitu. Minħabba li l-oġġetti jistgħu jiġu kkontrollati fuq din il-bażi, huwa xieraq li kaxxa 18 tad-dikjarazzjoni ta' transitu titħalla vojta, sakemm ikun żgurat li d-dettalji xierqa jiddaħħlu sussegwentement fil-kaxxa rilevanti.

(6) L-Anness 37c u l-Anness 38 għar-Regolament (KEE) Nru 2454/93, it-tnejn jinkludu listi ta' kodiċi ta' imballaġġ ibbażati fuq l-Anness V għar-Rakkomandazzjoni Nru 21 tal-Kummissjoni Ekonomika tal-Ewropa għan-Nazzjonijiet Uniti, Rev. 1, ta' Awwissu 1994, minn hawn 'il quddiem 'ir-Rakkomandazzjoni UN/ECE'. L-Anness V għar-Rakkomandazzjoni UN/ECE, li jinkludi l-lista ta' kodiċi, ġie rivedut bosta drabi minn meta ġie introdott sabiex jiġi addattat għal prattika fil-kummerċ u trasport, bl-aħħar darba tkun Mejju 2002 (Reviżjoni 4). Biex in-negozjanti jkunu jistgħu jużaw l-aktar standard aċċettat b'mod mifrux u għalhekk biex tkun armonizzata kemm jista' jkun prattika kummerċjali u amministrattiva fil-Komunità, huwa meħtieġ li jiġi pprovdut li l-kodiċi ta' imballaġġ użati f'dikjarazzjonijiet ta' dwana jirriflettu l-aħħar verżjoni ta' Anness V għar-Rakkomandazzjoni UN/ECE.

---

[5] ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2286/2003 (ĠU L 343, 31.12.2003, p. 1).

(7) Fl-interessi taċ-ċarezza u r-razzjonalità, il-lista ta' kodiċi ta' imballaġġ għandha tiġi ippubblikata biss fl-Anness 38, li għandha ssir referenza għalih meta l-lista tissemma' f'leġiżlazzjoni oħra tad-dwana.

(8) Il-kodiċijiet tal-imballaġġi huma relatati mill-qrib mad-dispożizzjonijiet applikabbli għal operazzjonijiet ta' transitu kif hemm referenza għalihom fl-Artikoli 367 sa 371 u għar-regoli l-ġodda fuq id-dokument amministrattiv waħdieni, jew jiffurmaw parti minnhom. Id-dispożizzjonijiet il-ġodda għandhom għalhekk ikunu applikabbli għall-proċeduri ġodda tad-dwana.

(9) Lista tal-kodiċijiet numeriċi użati b'konnessjoni mal-garanzija ta' transitu, għall-użu fil-formoli ta' dokumentazzjoni amministrattivi waħdiena, ġiet stabbilita mir-Regolament (KEE) Nru 2454/93. Huwa meħtieġ li dik il-lista titkompla, sabiex jiġu kkunsidrati s-sitwazzjonijiet kollha relatati mal-eżenzjonijiet tal-garanzija.

(10) Bħala konsegwenza tal-modifikazzjoni tal-kodiċijiet numeriċi tal-garanziji ta' transitu, huwa wkoll meħtieġ li d-dejta korrispondenti dwar is-Sistema ta' Transitu Kompjuterizzata Ġdida tiġi addattata.

(11) Minħabba li l-Konvenzjoni tal-20 ta' Mejju 1987 dwar proċedura ta' transitu komuni tipprovdi li l-kodiċijiet numeriċi tal-garanziji ta' transitu għandhom japplikaw mill-1 ta' Mejju 2004, il-kodiċijiet il-ġodda għandhom japplikaw b'effett minn dik id-data.

(12) Fid-dawl ta' dak li hawn imsemmi hawn fuq, l-Annessi 37 u 38 għar-Regolament (KEE) Nru 2454/93, kif emendati mir-Regolament (KE) Nru 2286/2003, għandhom jiġu emendati. Madankollu, huwa meħtieġ li jsiru emendi simili wkoll għal Anness 37 għar-Regolament (KEE) Nru 2454/93, kif emendat mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 444/2002[6], u għal Anness 38 għar-Regolament (KEE) Nru 2454/93, kif emendat mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 881/2003[7], minħabba li t-tnejn jibqgħu fis-seħħ sal-1 ta' Jannar 2006.

(13) L-Artikolu 531 tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93 jiddefinixxi l-modi ta' immaniġġjar tas-soltu li huma permessi skont il-proċedura ta' ħżin tad-dwana. Il-qafas tal-attivitajiet permessi huwa stabbilit permezz tal-Artikolu 109(1) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92. Il-modi ta' immaniġġjar tas-soltu li oġġetti mhux Komunitarji jistgħu jkunu soġġetti għalihom huma mniżżla b'mod eżawrjenti fl-Anness 72 għar-Regolament (KEE) Nru 2454/93. Madankollu, l-ambitu ristrett ta' dan l-Anness wassal għal ċerti problemi fil-prattika. Għaldaqstant, huwa mixtieq li ssir dispożizzjoni għal aktar flessibilità.

(14) Xi awtorizzazzjonijiet fuq dokumenti tad-dwana espressi fil-lingwa ta' ċerti Stati Membri ġodda mhumiex konsistenti mat-terminoloġija relatata ma' kwistjonijiet ta' dwana diġà użati fil-lingwi kkonċernati u għalhekk huma meħtieġa emendi.

(15) Minħabba li l-Att ta' Adeżjoni tal-2003 daħal fis-seħħ mill-1 ta' Mejju 2004, dawk l-awtorizzazzjonijiet għandhom ikunu applikabbli fl-istess data.

---

[6] ĠU L 68, 12.3.2002, p. 11.
[7] ĠU L 134, 29.5.2003, p. 1.

(16) Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 2454/93 għandu jiġi emendat bix-xieraq.

(17) Il-miżuri li għalihom hemm provdut f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADDOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KEE) Nru 2454/93 huwa emendat kif ġej:

1. fit-tielet paragrafu tal-Artikolu 62, l-20 inċiż huwa mibdul b'li ġej:

– '— Vyhotovené dodatočne';»

2. fl-Artikolu 113(3), l-20 inċiż huwa mibdul b'li ġej:

– '— VYHOTOVENÉ DODATOČNE';»

3. fl-Artikolu 314ċ(3), l-20 inċiż huwa mibdul b'li ġej:

– '— Vyhotovené dodatočne';»

4. fl-Artikolu 324d(2), l-20 inċiż huwa mibdul b'li ġej:

– '— Oslobodenie od podpisu';»

5. fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 357(4), l-20 inċiż huwa mibdul b'li ġej:

– '— Oslobodenie';»

6. fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 361(4), l-20 inċiż huwa mibdul b'li ġej:

– '— Nezrovnalosti: úrad, ktorému bol tovar dodaný (názov a krajina)';»

7. fl-Artikolu 387(2), l-20 inċiż huwa mibdul b'li ġej:

– '— Oslobodenie od predpísanej trasy';»

8. fl-Artikolu 403(2), l-20 inċiż huwa mibdul b'li ġej:

– '— Oslobodenie od podpisu';»

9. fl-Artikolu 451(1), '/il-Konvenzjoni ta' Istanbul' hija mdaħħla wara l-'Konvenzjoni tal-ATA';

10. l-Artikoli 454a, 454b u 454c li ġejjin huma mdaħħlin:

'Artikolu 454a

1. Wara applikazzjoni mid-destinatarju, l-awtoritajiet tad-dwana jistgħu jikkonċedulu l-istejtus ta' destinatarju awtorizzat, u permezz t'hekk jawtorizzawh biex jirċievi fil-bini tiegħu jew fi kwalunkwe post ieħor speċifikat oġġetti ttrasportati skont il-proċedura tat-TIR.

2. L-awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 hija konċessa biss lill-persuni li:

(a) huma stabbiliti fil-Komunità;

(b) regolarment jirċievu oġġetti li jkunu ddaħħlu għal proċedura tat-TIR, jew li l-awtoritajiet tad-dwana tagħhom jafu li jistgħu jissodisfaw l-obbligi skont dik il-proċedura;

(c) ma wettqux xi offiżi serji jew ripetuti kontra l-liġi tad-dwana jew tat-taxxa.

L-Artikolu 373(2) għandu japplika *mutatis mutandis*.

L-awtorizzazzjoni għandha tapplika biss fl-Istat Membru minn fejn tkun ingħatat l-awtorizzazzjoni.

L-awtorizzazzjoni għandha tapplika biss għal operazzjonijiet ta' TIR li għandhom bħala l-post finali tal-ħatt il-bini speċifikat fl-awtorizzazzjoni.

3. L-Artikoli 374 u 375, l-Artikoli 376(1) u (2), u l-Artikoli 377 u 378 għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-proċedura relatata mal-applikazzjoni msemmija fil-paragrafu 1.

4. L-Artikolu 407 għandu japplika *mutatis mutandis* fir-rigward tal-proċedura stabbilita fl-awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 1.

Artikolu 454b

1. Fir-rigward ta' oġġetti li jaslu fil-bini tiegħu jew fil-post speċifikat fl-awtorizzazzjoni li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 454a, id-destinatarju awtorizzat għandu jikkonforma mal-obbligi li ġejjin, skont il-proċedura stabbilita fl-awtorizzazzjoni:

(a) jinforma lill-awtoritajiet tad-dwana fl-uffiċċju tad-destinazzjoni dwar il-wasla tal-oġġetti;

(b) jinforma immedjatament lill-awtoritajiet tad-dwana fl-uffiċċju tad-destinazzjoni bi kwalunkwe ksur ta' siġilli, u b'kull irregolarità oħra bħal kwantitajiet żejda, nuqqas, jew sostituzzjoni;

(c) mingħajr telf ta' żmien, idaħħal ir-riżultati tal-ħatt fir-rekords tiegħu;

(d) mingħajr telf ta' żmien, jippreżenta lill-awtoritajiet tad-dwana fl-uffiċċju tad-destinazzjoni avviż li jindika id-dettalji u l-kundizzjoni ta' kwalunkwe siġill imwaħħal u d-data tad-dħul fir-rekords.

2. Id-destinatarju awtorizzat għandu jassigura li l-Carnet tat-TIR jiġi ppreżentat, mingħajr dewmien, lill-awtoritajiet tad-dwana fl-uffiċċju tad-destinazzjoni.

3. L-awtoritajiet tad-dwana fl-uffiċċju tad-destinazzjoni għandhom jagħmlu l-awtorizzazzjonijiet meħtieġa fuq il-Carnet tat-TIR u, skont il-proċedura stabbilita fl-awtorizzazzjoni, għandhom jassiguraw li l-Carnet tat-TIR jintradd lura lid-detentur tal-Carnet tat-TIR jew lill-persuna li qed taġixxi f'ismu.

4. Id-data ta' terminazzjoni tal-operazzjoni TIR għandha tkun id-data tad-dħul fir-rekords imsemmija fil-punt (ċ) ta' paragrafu 1. Madankollu, fil-każijiet imsemmija f'punt (b) tal-paragrafu 1, id-data tat-terminazzjoni tal-operazzjoni TIR għandha tkun id-data tal-awtorizzazzjoni tal-Carnet tat-TIR.

5. Fuq talba tad-detentur tal-Carnet tat-TIR, id-destinatarju awtorizzat għandu joħroġ irċevuta, li l-forma tagħha għandha tikkorrispondi ma' kopja tal-avviż imsemmi f'punt (d) tal-paragrafu 1. L-irċevuta m'għandhiex tintuża bħala prova tat-terminazzjoni tal-operazzjoni tat-TIR skont it-tifsira tal-Artikolu 454ċ(2).

Artikolu 454ċ

1. Id-detentur tal-Carnet tat-TIR għandu jkun issodisfa l-obbligi tiegħu skont il-punt (o) tal-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni tat-TIR meta l-Carnet tat-TIR flimkien mal-vettura tat-triq, il-grupp ta' vetturi jew il-kontejner u l-oġġetti jkunu twasslu sħaħ lid-destinatarju awtorizzat fil-bini tiegħu jew fil-post speċifikat fl-awtorizzazzjoni.

2. It-terminazzjoni tal-operazzjoni TIR, skont it-tifsira tal-punt (d) tal-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni tat-TIR, tkun seħħet meta r-rekwiżiti tal-Artikolu 454b(1) u (2) ikunu tħarsu.';»

11. fl-Artikolu 457c(1), il-kliem 'jew il-Konvenzjoni ta' Istanbul' huwa mdaħħal wara l-'Konvenzjoni tal-ATA';

12. L-Artikolu 457d huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, huwa miżjud il-kliem 'jew fl-Artikolu 8(4) tal-Anness A għall-Konvenzjoni ta' Istanbul';

(a) fil-paragrafu 2, huwa miżjud il-kliem 'jew fl-Artikolu 9(1)(a) u (b) tal-Anness A għall-Konvenzjoni ta' Istanbul';

(ċ) fil-punt (ċ) tal-paragrafu 3, huwa miżjud il-kliem 'jew fl-Artikolu 10 tal-Anness A għall-Konvenzjoni ta' Istanbul';

13. fl-Artikolu 459(1), 'jew il-Konvenzjoni ta' Istanbul' hija mdaħħla wara l-'Konvenzjoni tal-ATA';

14. L-Artikolu 461 huwa emendat kif ġej:

(a) fl-ewwel sentenza tat-tieni subparagrafu tal-paragrafu 2, huwa miżjud il-kliem 'jew tal-Konvenzjoni ta' Istanbul';

(b) fl-ewwel sentenza tal-paragrafu 4, huwa miżjud il-kliem 'jew l-Artikolu 9(1)(b) u (ċ) tal-Anness A għall-Konvenzjoni ta' Istanbul';

15. fl-Artikolu 580(3), 'l-Artikoli 454, 455' hija mibdula bl-'Artikoli 457c, 457d';

16. fl-Artikolu 591, it-tieni subparagrafu huwa mibdul b'li ġej:

'L-awtoritajiet doganali għandhom jirrifjutaw il-kalkolazzjoni tar-rilaxx parzjali mid-dazji tal-importazzjoni taħt din id-dispożizzjoni jekk qabel jiġu rilaxxati l-prodotti ta' kumpens għal ċirkolazzjoni libera, jiġi stabbilit li l-uniku objettiv tar-rilaxx għal ċirkolazzjoni libera b'rata ta' dazju ta' żero tal-oġġetti ta' esportazzjoni temporanja, li mhumiex ta' oriġini Komunitarja skont it-tifsira tat-Titolu II, Kapitolu 2, Sezzjoni 1, tal-Kodiċi, kien li jittieħed benefiċċju mir-rilaxx parzjali taħt din id-dispożizzjoni.';»

17. fl-Artikolu 843(2), is-16 u s-17-il inċiż huma mibdulin b'li ġej:

– '— A kilépés a Közösség területéről a … rendelet/irányelv/határozat szerinti korlátozás vagy teher megfizetésének kötelezettsége alá esik

– — Ħruġ mill-Komunità soġġett għal restrizzjonijiet jew ħlasijiet taħt Regola/Direttiva/Deċiżjoni Nru …';»

18. fir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 912e(2), l-20 inċiż huwa mibdul b'li ġej:

– '— (počet) vyhotovených výpisov – kópie priložené';»

19. fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 912f(1), is-16 u l-20 inċiż huma rispettivament mibdulin b'li ġej:

– '— Kiadva visszamenőleges hatállyal'»

– '— Vyhotovené dodatočne';»

20. fil-punt (ċ) tal-Artikolu 912g(2), l-20 inċiż huwa mibdul b'li ġej:

'Oslobodenie od podpisu – článok 912g nariadenia (EHS) č. 2454/93';»

21. L-Anness 37, kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 444/2002, huwa emendat skont l-Anness IA għal dan ir-Regolament;

22. L-Anness 37, fil-verżjoni introdotta bir-Regolament (KE) Nru 2286/2003, huwa emendat skont l-Anness IB għal dan ir-Regolament;

23. fit-Titolu II tal-Anness 37a, id-dettalji għal kaxxa 31 huma emendati skont il-punt 1 tal-Anness II għal dan ir-Regolament;

24. fit-Titolu II tal-Anness 37a, id-dettalji għal kaxex 50 u 52 huma emendati skont il-punti 2, 3 u 4 tal-Anness II għal dan ir-Regolament;

25. L-Anness 37ċ huwa emendat skont l-Anness III għal dan ir-Regolament;

26. fl-Anness 38, kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 881/2003, test għal kaxxa 31 jiddaħħal skont il-punt A(1) tal-Anness IV għal dan ir-Regolament;

27. fit-Titolu tal-Anness 38, fil-verżjoni introdotta bir-Regolament (KE) Nru 2286/2003, it-test għal kaxxa 31 huwa emendat skont il-punt B(1) tal-Anness IV għal dan ir-Regolament;

28. fl-Anness 38, kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 881/2003, it-test tal-kodiċi applikabbli għal kaxxa 52 huwa emendat skont il-punt A(2) tal-Anness IV għal dan ir-Regolament;

29. fit-Titolu II tal-Anness 38, fil-verżjoni introdotta bir-Regolament (KE) Nru 2286/2003, it-test tal-kodiċi applikabbli għal kaxxa 52 huwa emendat skont il-punt B(2) tal-Anness IV għal dan ir-Regolament;

30. fil-punt 2.2 tal-Anness 47a, l-20 inċiż huwa mibdul b'li ġej:

'ZÁKAZ CELKOVEJ ZÁRUKY';»

31. L-Anness 59 huwa mibdul bit-test stabbilit fl-Anness V għal dan ir-Regolament;

32. fir-rimarki ġenerali li għandhom x'jaqsmu mal-Intestatura 16, fid-'Dispożizzjonijiet li jirregolaw l-informazzjoni li għandha tiddaħħal fil-formola tat-taxxa' fl-Anness 60, għandu jiddaħħal il-kliem '/Artikolu 8 tal-Anness A għall-Konvenzjoni ta' Istanbul' wara l-'Konvenzjoni tal-ATA';

33. L-Anness 61 huwa mibdul bit-test stabbilit fl-Anness VI għal dan ir-Regolament;

34. Anness 72 huwa emendat skont l-Anness VII għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

1. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fi *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

2. Il-punti 1 sa 8, 17 sa 20, 24, 28 u 30 tal-Artikolu 1 għandhom japplikaw b'effett mill-1 ta' Mejju 2004.

3. Il-punti 9 sa 15, 31, 32 u 33 tal-Artikolu 1 għandhom japplikaw b'effett mill-1 ta' Ottubru 2005.

4. Il-punti 23, 25 u 26 tal-Artikolu 1 għandhom japplikaw b'effett mill-1 ta' Lulju 2005.

5. Il-punti 22, 27 u 29 tal-Artikolu 1 għandhom japplikaw b'effett mill-1 ta' Jannar 2006. Madankollu, l-Istati Membri jistgħu japplikaw dawk il-punti qabel dik id-data. F'każijiet bħal dawn, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bid-data tal-applikazzjoni. Il-Kummissjoni għandha tippubblika din l-informazzjoni.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 10 ta' Ġunju 2005.

Għall-Kummissjoni

László KOVÁCS

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS I

A. Fis-Sezzjoni A ta' Titolu II tal-Anness 37 għar-Regolament (KEE) Nru 2454/93, kif emendat mir-Regolament (KE) 444/2002, il-paragrafu li ġej huwa miżjud mad-dettalji li jirrigwardaw kaxxa 18:

'Madankollu, rigward operazzjonijiet ta' transitu fejn oġġetti jinġarru f'kontejners li jridu jiġu trasportati minn vetturi tat-triq, l-awtoritajiet tad-dwana jistgħu jawtorizzaw lill-prinċipal li jħalli din il-kaxxa vojta, fejn id-disinn loġistiku fil-punt ta' tluq jista' ma jippermettix l-għoti tal-identità u tan-nazzjonalità tal-mezz tat-trasport fil-waqt li timtela d-dikjarazzjoni tat-transitu u fejn l-awtoritajiet tad-dwana jkunu jistgħu jiżguraw li t-tagħrif mitlub fir-rigward ta' dawn il-mezzi ta' trasport jiddaħħal sussegwentament fil-kaxxa 55.'»

B. F'Sezzjoni B ta' Titolu I tal-Anness 37 għar-Regolament (KEE) Nru 2454/93, fil-verżjoni introdotta mir-Regolament (KE) Nru 2286/2003, in-nota ta' qiegħ il-paġna [24] tiddaħħal għall-kaxxa 18 (identità) u 18 (nazzjonalità) f'kolonna F tat-tabella:

'[24] Fejn oġġetti jinġarru f'kontejners li jridu jiġu trasportati minn vetturi tat-triq, l-awtoritajiet tad-dwana jistgħu jawtorizzaw lill-prinċipal li jħalli din il-kaxxa vojta fejn id-disinn loġistiku fil-punt ta' tluq ma jippermettix l-għoti tal-identità u n-nazzjonalità tal-mezz tat-trasport fil-waqt li tiġi stabbilita d-dikjarazzjoni tat-transitu u fejn l-awtoritajiet tad-dwana jistgħu jiżguraw li t-tagħrif mitlub fir-rigward ta' dawn il-mezzi ta' trasport jiddaħħal sussegwentament fil-kaxxa 55.'»

ANNESS II

Fit-Titolu II tal-Anness 37a għar-Regolament (KEE) Nru 2454/93, Sezzjoni B hija emendata kif ġej:

1. Għall-grupp ta' dejta 'PAKKETTI', il-kliem taħt 'Tipi ta' pakketti' huwa sostitwit b'dan li ġej:

'TIP TA' PAKKETTI (KAXXA 31)

Tip/Tul: an .. 2

Jintużaw il-kodiċijiet tal-imballaġġ elenkati taħt il-Kaxxa 31 tal-Anness 38.'»

2. Għall-grupp ta' dejta 'prinċipal NEGOZJANT', in-nota ta' spjegazzjoni rigward l-attribut 'Numru ta' identifikazzjoni (TIN) … (kaxxa 50)' hija sostitwita b'dan li ġej:

'Tip/Tul: an ..17

L-attribut għandu jintuża fejn il-grupp ta' dejta "RIŻULTAT TA' KONTROLL" jinkludi l-kodiċi A3 jew fejn jintuża l-attribut "GRN".'»

3. Għall-grupp ta' dejta 'GARANZIJA', it-Tip/Tul tal-attribut 'Tip ta' Garanzija (kaxxa 52)' huwa sostitwit b'dan li ġej:

'Tip/Tul: an ..1';»

4. Għall-grupp ta' dejta 'REFERENZA TA' GARANZIJA', it-Tip/Tul tal-attribut 'GRN (Kaxxa 52)' huwa sostitwit b'dan li ġej:

'Tip/Tul: an ..24'.»

ANNESS III

Fl-Anness 37ċ għar-Regolament (KEE) Nru 2454/93, punt 5, 'Kodiċi tal-pakkett', huwa mħassar.

ANNESS IV

A. L-Anness 38 għar-Regolament (KEE) Nru 2454/93, kif emendat mir-Regolament (KE) Nru 881/2003, huwa emendat kif ġej:

1. It-test li ġej huwa mdaħħal għal kaxxa 31:

'KAXXA 31: PAKKETTI U DESKRIZZJONI TA' OĠĠETTI; MARKI U NUMRI — KONTEJNER(S) NRU/I — NUMRU U TIP

Tip ta' pakketti

Uża l-kodiċijiet li ġejjin.

(Rakkomandazzjoni UN/ECE Nru 21/REV. 4, Mejju 2002)

KODIĊIJIET TAL-IMBALLAĠĠ	
Aerosol	AE
Ampolla, mhux protetta	AM
Ampolla, protetta	AP
Anella	RG
Atomizzatur	AT
Bagalja	SU
Balla, ikkumpressata	BL
Balla, mhux ikkumpressata	BN
Balzi	SI
Barmil	BJ
Barmil taż-żibel	BI
Barrel	BA
Baskett	BK
Baskett, bil-maqbad, tal-injam	HB
Baskett, bil-maqbad, tal-kartun	HC
Baskett, bil-maqbad, tal-plastik	HA

Bejta	NS
Bittija (Cask)	CK
Bittija kbira (Butt)	BU
Bittija kbira (Hogshead)	HG
Bittija kbira tal-birra	TO
Bittija żgħira	FI
Bittija, tal-injam	2C
Bittija, tal-injam, bl-għatu jinqala'	QJ
Bittija, tal-injam, tip ta' ġarra	QH
Bolt	BT
Bord	BD
Bord, f'lott/mazz/marbutin b'ċinturin	BY
Borma	PT
Borża	BG
Borża tal-ġuta	JT
Borża, film tal-plastik	XD
Borża, karta	5M
Borża, karta, b'aktar minn ġenb wieħed	XJ
Borża, karta, b'aktar minn ġenb wieħed, reżistenti għall-ilma	XK
Borża, kbira	ZB
Borża, multipla	MB
Borża, plastik	EC
Borża, plastik minsuġ	5H
Borża, plastik minsuġ, apposta u li ma jnixxix	XB
Borża, plastik minsuġ, mingħajr kisja minn	XA

ġewwa/infurrata	
Borża, plastik minsuġ, reżistenti għall-ilma	XC
Borża, reċipjent flessibbli	FX
Borża, super lott	43
Borża, tessut	5L
Borża, tessut, li ma tnixxix	XG
Borża, tessut, mingħajr kisja minn ġewwa/infurrata	XF
Borża, tessut, reżistenti għall-ilma	XH
Borżetta	PO
Buqar	JG
Bużżieqa, mhux protetta	BF
Bużżieqa, protetta	BP
Ċangatura	SB
Ċestun	CR
Ċestun, b'aktar minn saff wieħed, kartun	DC
Ċestun, b'aktar minn saff wieħed, plastik	DA
Ċestun, b'aktar minn saff wieħed, tal-injam	DB
Ċestun, baxx	SC
Ċestun, bil-qafas	FD
Ċestun, birra	CB
Ċestun, frott	FC
Ċestun, ħalib	MC
Ċestun, lott, kartun	DK
Ċestun, lott, plastik	DL
Ċestun, lott, tal-injam	DM
Ċilindru	CY

Ċombina	BB
Clamshell	AI
Damiġġjana (Carboy), protetta	CP
Damiġġjana (Carboy), mhux protetta	CO
Damiġġjana (Demijohn), mhux protetta	DJ
Damiġġjana (Demijohn), protetta	DP
Definita b'mod reċiproku	ZZ
Dispenser	DN
Drum	DR
Drum, aluminju	1B
Drum, aluminju, bl-għatu jinqala'	QD
Drum, aluminju, mhux bl-għatu jinqala'	QC
Drum, azzar	1A
Drum, azzar, bl-għatu jinqala'	QB
Drum, azzar, mhux bl-għatu jinqala'	QA
Drum, fibra	1G
Drum, ħadid	DI
Drum, plastik	IH
Drum, plastik, bl-għatu jinqala'	QG
Drum, plastik, mhux bl-għatu jinqala'	QF
Drum, plywood	1D
Drum, tal-injam	1W
Dussies	SD
Envelopp	EN
Envelopp, azzar	SV
Filmpack	FP

Flixkun tal-qasab	WB'»
Flixkun, gass	GB
Flixkun, mhux protett, ċilindriku	BO
Flixkun, mhux protett, għamla ta' basla	BS
Flixkun, protett ċilindriku	BQ
Flixkun, protett, għamla ta' basla	BV
Folja	ST
Folja karti bejn żewġ folji	SL
Folja, tgeżwira tal-plastik	SP
Folji, f'lott/mazz/marbutin b'ċinturin	SZ
Frejm	FR
Friskatur	BM
Gaġġa	CG
Gaġġa, Commonwealth Handling Equipment Pool (Ġabra ta' Apparat ta' Maniġġ tal-Commonwealth) (CHEP)	DG
Gaġġa, romblu	CW
Għata	CV
Ħajt ta' rukkell	SO
Ħamper	HR
Imballaġġ	PK
Imballaġġ kompost, reċipjent tal-ħġieġ	6P
Imballaġġ kompost, reċipjent tal-ħġieġ f'ċestun tal-aluminju	YR
Imballaġġ kompost, reċipjent tal-ħġieġ f'ħamper tal-qasab	YV
Imballaġġ kompost, reċipjent tal-ħġieġ f'kaxxa ta' ċestun tal-azzar	YP

Imballaġġ kompost, reċipjent tal-ħġieġ f'kaxxa tal-fibreboard	YX
Imballaġġ kompost, reċipjent tal-ħġieġ f'kaxxa tal-injam	YS
Imballaġġ kompost, reċipjent tal-ħġieġ f'pakkett tal-plastik li jespandi	YY
Imballaġġ kompost, reċipjent tal-ħġieġ f'pakkett tal-plastik solidu	YZ
Imballaġġ kompost, reċipjent tal-ħġieġ fi *drum* tal-aluminju	YQ
Imballaġġ kompost, reċipjent tal-ħġieġ fi *drum* tal-azzar	YN
Imballaġġ kompost, reċipjent tal-ħġieġ fi *drum* tal-fibra	YW
Imballaġġ kompost, reċipjent tal-ħġieġ fi *drum* tal-plywood	YT
Imballaġġ kompost, reċipjent tal-plastik	6H
Imballaġġ kompost, reċipjent tal-plastik f'ċestun tal-aluminju	YD
Imballaġġ kompost, reċipjent tal-plastik f'kaxxa ta' ċestun tal-azzar	YB
Imballaġġ kompost, reċipjent tal-plastik f'kaxxa tal-fibreboard	YK
Imballaġġ kompost, reċipjent tal-plastik f'kaxxa tal-injam	YF
Imballaġġ kompost, reċipjent tal-plastik f'kaxxa tal-plastik solida	YM
Imballaġġ kompost, reċipjent tal-plastik f'kaxxa tal-plywood	YH
Imballaġġ kompost, reċipjent tal-plastik fi *drum* tal-aluminju	YC
Imballaġġ kompost, reċipjent tal-plastik fi *drum* tal-fibra	YJ
Imballaġġ kompost, reċipjent tal-plastik fi	YL

drum tal-plastik	
Imballaġġ kompost, reċipjent tal-plastik fi *drum* tal-plywood	YG
Imballaġġ kompost, reċipjent tal-plastik fi *drum* tal-azzar	YA
Imballaġġ, displej, kartun	IB
Imballaġġ, displej, metall	ID
Imballaġġ, displej, plastik	IC
Imballaġġ, displej, tal-injam	IA
Imballaġġ, fluss	IF
Imballaġġ, imgeżwer fil-karta	IG
Imballaġġ, kartun, b'toqob għal ħakma soda tal-fliexken	IK
Imballaġġ, turija	IE
Ippakkjati f'vakwu	VP
Irfid	TS
Jerry-can, azzar	3A
Jerry-can, azzar, bl-għatu jinqala'	QL
Jerry-can, azzar, mhux bl-għatu jinqala'	QK
Jerry-can, ċilindrika	JY
Jerry-can, plastik	3H
Jerry-can, plastik, bl-għatu jinqala'	QN
Jerry-can, plastik, mhux bl-għatu jinqala'	QM
Jerry-can, rettangolari	JC
Kannestru	PJ
Kanvas	CZ
Kapsula	AV
Kartonċina	CM

Kartriġġ	CQ
Kartun	CT
Kavetta	CE
Kaxxa	BX
Kaxxa tal-fliexken/xtilliera tal-fliexken	BC
Kaxxa tas-sulfarini	MX
Kaxxa, aluminju	4B
Kaxxa, azzar	4A
Kaxxa, Commonwealth Handling Equipment Pool (Ġabra ta' Apparat ta' Maniġġ tal-Commonwealth) (CHEP), Eurobox	DH
Kaxxa, fibreboard	4G
Kaxxa, għal likwidi	BW
Kaxxa, injam naturali	4C
Kaxxa, injam rikostitwit	4F
Kaxxa, plastik	4H
Kaxxa, plastik, espandut	QR
Kaxxa, plastik, solidu	QS
Kaxxa, plywood	4D
Kaxxa, tal-injam, injam naturali, bi ġnub li ma jnixxux	QQ
Kaxxa, tal-injam, injam naturali, ordinarju	QP
Kaxxetta	CS
Kaxxetta ta' baħri	SE
Kaxxetta tal-landa	CI
Kaxxetta tat-te	TC
Kaxxetta, azzar	SS

Kaxxetta, b'qiegħ magħmul minn pelit	ED
Kaxxetta, b'qiegħ magħmul minn pelit, kartun	EF
Kaxxetta, b'qiegħ magħmul minn pelit, metall	EH
Kaxxetta, b'qiegħ magħmul minn pelit, plastik	EG
Kaxxetta, b'qiegħ magħmul minn pelit, tal-injam	EE
Kaxxetta, isotermika	EI
Kaxxetta, skeletru	SK
Keg	KG
Kojl	CL
Kompartiment tal-bagalji f'karozza	TR
Kon	AJ
Kontejner, mhux speċifikat mod ieħor bħala apparat tat-trasport	CN
Kontenitur intermedju ta' affarijiet goffi	WA
Kontenitur intermedju ta' affarijiet goffi, aluminju	WD
Kontenitur intermedju ta' affarijiet goffi, aluminju, likwidu	WL
Kontenitur intermedju ta' affarijiet goffi, aluminju, taħt pressjoni > 10 kPa	WH
Kontenitur intermedju ta' affarijiet goffi, azzar	WC
Kontenitur intermedju ta' affarijiet goffi, azzar, likwidu	WK
Kontenitur intermedju ta' affarijiet goffi, azzar, taħt pressjoni > 10 kPa	WG
Kontenitur intermedju ta' affarijiet goffi, fibreboard	ZT

Kontenitur intermedju ta' affarijiet goffi, film tal-plastik	WS
Kontenitur intermedju ta' affarijiet goffi, flessibbli	ZU
Kontenitur intermedju ta' affarijiet goffi, injam naturali	ZW
Kontenitur intermedju ta' affarijiet goffi, injam naturali, infurrat minn ġewwa	WU
Kontenitur intermedju ta' affarijiet goffi, injam rikostitwit	ZY
Kontenitur intermedju ta' affarijiet goffi, injam rikostitwit, infurrat minn ġewwa	WZ
Kontenitur intermedju ta' affarijiet goffi, karta, b'aktar minn ġenb wieħed	ZA
Kontenitur intermedju ta' affarijiet goffi, karta, b'aktar minn ġenb wieħed, reżistenti għall-ilma	ZC
Kontenitur intermedju ta' affarijiet goffi, kompost	ZS
Kontenitur intermedju ta' affarijiet goffi, kompost, plastik flessibbli, likwidi	ZR
Kontenitur intermedju ta' affarijiet goffi, kompost, plastik flessibbli, taħt pressjoni	ZP
Kontenitur intermedju ta' affarijiet goffi, kompost, plastik flessibbli, solidi	ZM
Kontenitur intermedju ta' affarijiet goffi, komposti, plastik riġidu, likwidi	ZQ
Kontenitur intermedju ta' affarijiet goffi, komposti, plastik riġidu, taħt pressjoni	ZN
Kontenitur intermedju ta' affarijiet goffi, komposti, plastik riġidu, solidi	ZL
Kontenitur intermedju ta' affarijiet goffi, metall	WF
Kontenitur intermedju ta' affarijiet goffi,	ZV

metall, għajr azzar	
Kontenitur intermedju ta' affarijiet goffi, metall, likwidu	WM
Kontenitur intermedju ta' affarijiet goffi, metall, pressjoni 10 kPa	WJ
Kontenitur intermedju ta' affarijiet goffi, plastik minsuġ, b'inforra	WQ
Kontenitur intermedju ta' affarijiet goffi, plastik minsuġ, miksi	WP
Kontenitur intermedju ta' affarijiet goffi, plastik minsuġ, miksi u infurrat	WR
Kontenitur intermedju ta' affarijiet goffi, plastik minsuġ, mingħajr kisja/inforra	WN
Kontenitur intermedju ta' affarijiet goffi, plastik riġidu	AA
Kontenitur intermedju ta' affarijiet goffi, plastik riġidu, b'apparat strutturali, solidi	ZD
Kontenitur intermedju ta' affarijiet goffi, plastik riġidu, b'apparat strutturali, likwidi	ZJ
Kontenitur intermedju ta' affarijiet goffi, plastik riġidu, b'apparat strutturali, taħt pressjoni	ZG
Kontenitur intermedju ta' affarijiet goffi, plastik riġidu, joqgħod wieqaf waħdu, likwidi	ZK
Kontenitur intermedju ta' affarijiet goffi, plastik riġidu, joqgħod wieqaf waħdu, taħt pressjoni	ZH
Kontenitur intermedju ta' affarijiet goffi, plastik riġidu, joqgħod wieqaf waħdu, solidu	ZF
Kontenitur intermedju ta' affarijiet goffi, plywood	ZX
Kontenitur intermedju ta' affarijiet goffi, plywood, infurrat minn ġewwa	WY

Kontenitur intermedju ta' affarijiet goffi, tessut mingħajr kisja/inforra	WT
Kontenitur intermedju ta' affarijiet goffi, tessut, infurrat	WW
Kontenitur intermedju ta' affarijiet goffi, tessut, miksi	WV
Kontenitur intermedju ta' affarijiet goffi, tessut, miksi u infurrat	WX
Kunjett	VI
Flask	FL
Landa	TN
Landa, b'manku u żennuna	CD
Landa, ċilindrika	CX
Landa, rettangolari	CA
Lingotta	IN
Lingotti, f'lott/mazz/marbutin b'ċinturin	IZ
Lott	LT
Mazz	BH
Mhux disponibbli	NA
Mhux fil-gaġġa	UC
Mhux ippakkjat jew mhux imballati	NE
Oġġetti mhux ippakkjati, gass (f'1031 mbar u 15 °C)	VG
Oġġetti mhux ippakkjati, gass likwifikat (f'temperatura/pressjoni mhux normali)	VQ
Oġġetti mhux ippakkjati, likwidi	VL
Oġġetti mhux ippakkjati, partikoli solidi, irqaq (trabijiet)	VY
Oġġetti mhux ippakkjati, solidi, partikoli granulari (frak)	VR

Oġġetti mhux ippakkjati, solidi, partikoli kbar (noduli)	VO
Pakkett (Packet)	PA
Pakkett (Parcel)	PC
Pelit	PX
Pelit, 100 ċm × 110 ċm	AH
Pelit, kaxxa	PB
Pelit, modulari, għenuq 80 ċm × 100 ċm	PD
Pelit, modulari, għenuq 80 ċm × 120 ċm	PE
Pelit, modulari, għenuq 80 ċm × 60 ċm	AF
Pelit, *shrink-wrapped*	AG
Pinna	PF
Pipa	PI
Pipi, f'lott/mazz/marbutin b'ċinturin	PV
Plejt	PG
Plejts, f'lott/mazz/marbutin b'ċinturin	PY
Qartas	SH
Reċipjent jissakkar tal-ikel	FO
Reċipjent tal-ikel	FT
Reċipjent, fibra	AB
Reċipjent, ħġieġ	GR
Reċipjent, imgeżwer fil-plastik	MW
Reċipjent, karta	AC
Reċipjent, metall	MR
Reċipjent, plastik	PR
Reċipjent, tal-injam	AD

Rednet	RT
Romblu	RO
Rukkell	RL
Satal	PL
Senduq (Chest)	CH
Senduq (Coffer)	CF
Sett	SX
Sheet metal	SM
Shrink-wrapped	SW
Sorra	BE
Tank, ċilindriku	TY
Tank, rettangolari	TK
Tapit	MT
Tavla	PN
Tazza	CU
Tebut	CJ
Tierce (bittija)	TI
Tnell	TB
Tnell, b'għatu	TL
Travi, f'lott/mazz/marbutin b'ċinturin	GZ
Travu	GI
Trej	PU
Trej, saff wieħed ebda għata, kartun	DV
Trej, saff wieħed ebda għata, plastik	DS
Trej, saff wieħed ebda għata, polystyrene	DU
Trej, saff wieħed ebda għata, tal-injam	DT

Trej, żewġ safef ebda għata, kartun	DY
Trej, żewġ safef ebda għata, tal-injam	DX
Trej, żewġ safef ebda għata, trej tal-plastik	DW
Tubi, f'lott/mazz/marbutin b'ċinturin	TZ
Tubu	TU
Tubu li fih jinżammu l-vireg	SY
Tubu, b'żennuna	TV
Tubu, li jista' jitgħaffeġ	TD
Twavel, f'lott/mazz/marbutin b'ċinturin	PZ
Unità singola mhux ippakkjata jew mhux imballata	NF
Unitajiet multipli mhux ippakkjati jew mhux imballati	NG
Vann tal-irfigħ	LV
Vanpack	VK
Vat	VA
Vażett	JR
Vireg, f'lott/mazz/marbutin b'ċinturin	BZ
Vireg, f'lott/mazz/marbutin b'ċinturin	RZ
Virga	BR
Virga	RD
Xibka	NT
Xibka, tubu, plastik	NU
Xibka, tubu, tessut	NV
Xkora	SA
Xkora, b'aktar minn ġenb wieħed	MS
Xtilliera	RK

Xtilliera, spalliera	RJ
Żinġla	CC
Żir	PH
Zkuk, f'lott/mazz/marbutin b'ċinturin	LZ
Zokk maqtugħ	LG

»

2. Il-lista ta' kodiċi applikabbli għal kaxxa 52: Garanzija hija sostitwita b'dan li ġej:

Sitwazzjoni	Kodiċi	Dħul ieħor
'Għal rinunzja tal-garanzija (Artikoli 94(4) tal-Kodiċi u 380(3) ta' dan ir-Regolament)	0	— numru taċ-certifikat ta' rinunzja tal-garanzija
Għal garanzija komprensiva	1	— numru taċ-certifikat ta' garanzija komprensiva — uffiċċju ta' garanzija
Għal garanzija individwali permezz ta' garanti	2	— referenza għall-att ta' garanzija — uffiċċju tal-garanzija
Għal garanzija individwali fi flus kontanti	3	
Għal garanzija individwali fil-forma ta' vawċers	4	— numru tal-vawċer tal-garanzija individwali
Għal eżenzjoni tal-garanzija fejn l-ammont assigurat ma jaqbiżx EUR 500 (Artikolu 189(5) tal-Kodiċi)	5	
Għal garanzija mhux meħtieġa (Artikolu 95 tal-Kodiċi)	6	
Għal garanzija mhux meħtieġa għal ċerti korpi pubbliċi	8	
Għal garanzija individwali tat-tip skont punt 3 ta' Anness 47a	9	— referenza għall-att ta' garanzija — uffiċċju tal-garanzija'»

»

B. Fl-Anness 38 għar-Regolament (KEE) Nru 2454/93, fil-verżjoni introdotta permezz tar-Regolament (KE) Nru 2286/2003, Titolu II huwa emendat kif ġej:

1. It-test għall-kaxxa 31 huwa sostitwit bit-test stabbilit f'punt A(1) ta' dan l-Anness;

2. Il-lista ta' kodiċi applikabbli għall-kaxxa 52: Garanzija hija sostitwita bit-test stabbilit f'punt A(2) ta' dan l-Anness.

ANNESS V

[INKLUDI:]» L_2005148EN.01002202.rtf

'ANNESS 59

MUDELL TAL-MEMO TA' TAGĦRIF LI HEMM REFERENZA GĦALIH FL-ARTIKOLU 459

Letterhead tal-uffiċċju ta' koordinazzjoni li beda l-kawża

Destinatarju: uffiċċju ta' koordinazzjoni li jkopri l-uffiċċji ta' importazzjoni temporanja, jew uffiċċju ta' koordinazzjoni ieħor

SUĠĠETT: ATA CARNET — SOTTOMISSJONI TAT-TALBA

Kunu infurmati li talba għal ħlas ta' dazji u taxxi skont il-Konvenzjoni ATA/il-Konvenzjoni ta' Istanbul[8] intbagħtet nhar …[9] lill-assoċjazzjoni garanti tagħna rigward:

1. carnet ATA Nru:

2. Maħruġ mill-Kamra tal-Kummerċ ta':

Belt:

Pajjiż:

3. F'isem:

Detentur:

Indirizz:

4. Data ta' għeluq tal-carnet:

5. Data stabbilita għar-ri-esportazzjoni[10]:

6. Numru tal-vawċer ta' transitu/importazzjoni[11]:

7. Data ta' awtorizzazzjoni tal-vawċer:

---

[8] L-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni ATA, Brussell, 6 ta' Diċembru 1961/Artikolu 9 tal-Anness A għall-Konvenzjoni ta' Istanbul, 26 ta' Ġunju 1990.

[9] Daħħal id-data ta' dispaċċ.

[10] Id-dettalji għandhom jinkisbu mill-vawċer tat-transitu li għadu ma nħattx jew mill-vawċer tal-ammissjoni temporanja jew, jekk l-ebda vawċer ma huwa disponibbli, mit-tagħrif disponibbli għall-uffiċċju ta' koordinazzjoni li jkun qed jawtorizza l-ħruġ.

[11] Ħassar liema waħda mhix applikabbli.'

ANNESS VI

[INKLUDI:]»

Firma u timbru tal-uffiċċju ta' koordinazzjoni li qed jawtorizza l-ħruġ.

'ANNESS 61

MUDELL TA' DISPAĊĊ

Letterhead tal-uffiċċju ta' koordinazzjoni tat-tieni Stat Membru li qed jissottometti t-talba

Destinatarju: uffiċċju ta' koordinazzjoni tal-ewwel Stat Membru li issottometta t-talba oriġinali.

SUĠĠETT: CARNET ATA — ĦATT

Kunu infurmati li talba għal ħlas ta' dazji u taxxi skont il-Konvenzjoni ATA/Konvenzjoni ta' Istanbul[12] intbagħtet nhar …[13] lill-assoċjazzjoni garanti tagħna rigward:

:

1. carnet ATA Nru:

2. Maħruġ mill-Kamra tal-Kummerċ ta':

Belt:

Pajjiż:

3. F'isem:

Detentur:

Indirizz:

4. Data ta' Għeluq tal-carnet:

5. Data stabbilita għar-riesportazzjoni[14]:

---

[12] Artikolu 7 tal-Konvenzjoni ATA, Brussell, 6 ta' Diċembru 1961/Artikolu 9 tal-Anness A għall-Konvenzjoni ta' Istanbul, 26 ta' Ġunju 1990.

[13] Daħħal id-data ta' dispaċċ.

[14] Id-dettalji għandhom jinkisbu mill-vawċer tat-transitu li għadu ma nħattx jew mill-vawċer tal-ammissjoni temporanja jew, jekk l-ebda vawċer ma huwa disponibbli, mit-tagħrif disponibbli għall-uffiċċju ta' koordinazzjoni li jkun qed jawtorizza l-ħruġ.

ANNESS VII

Fl-Anness 72 tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93, il-punt li ġej huwa miżjud:

'19. Kwalunkwe mod ta' immaniġġjar tas-soltu, minbarra dak imsemmi hawn fuq, intiż biex itejjeb l-apparenza jew il-kwalità kummerċjabbli tal-oġġetti importati jew biex jippreparhom għal tqassim jew għal bejgħ mill-ġdid, sakemm dawn l-operazzjonijiet ma jibdlux in-natura jew itejjbu il-ħidma tal-oġġetti oriġinali. Fejn kienu involuti spejjeż għal modi ta' immaniġġjar tas-soltu, dawn l-ispejjeż jew iż-żieda fil-valur m'għandux jittieħed kont tagħhom għall-kalkolu tad-dazju ta' importazzjoni fejn tingħata prova sodisfaċenti ta' dawn l-ispejjeż mid-dikjarant. Madankollu, il-valur tad-dwana, in-natura u l-oriġini ta' oġġetti li mhumiex mill-Komunità użati fl-operazzjonijiet għandhom jitqiesu għall-kalkolu tad-dazji ta' importazzjoni.'»

6. Numru tal-vawċer ta' transitu/ importazzjoni[15]:

7. Data tal-awtorizzazzjoni tal-vawċer:

Din in-nota tħollok mir-responsabbiltà tiegħek f'dan il-fajl.

Firma u timbru tal-uffiċċju ta' koordinazzjoni ta' koordinazzjoni tal-ħruġ.

[15] Ħassar liema waħda mhix applikabbli.'